# TAGHRIF ETIMOLOGIKU-GRAMMATIKALI FUQ IL-VERB "EMMEN"

Studju ta' J. Zammit Mangion, B.A. (Hons.), B. Educ.

Il-grammatici Maltin x'aktarx ilkoll jikklassifikaw il-verb irregolari "*emmen*" mal-verbi mnissla fit-Tieni Forma. Hekk il-A. Cremona (*Tagħlim fuq il-Kitba Maltija* Vol. II, ed. 1959, p. 107, reg. 275) jgħid: "Il-għerq ta' dan il-verb huwa *a (alif) – m – n*. Il verb ewlieni ħa t-tieni forma mnissla u sar *emmen*, iżda fil-konjugazzjoni l-ewwel ittra *a* tal-għerq tintilef". Sutcliffe (*A Grammar of the Maltese Language*, ed. 1960, p. 137) igħid: "The irregularity of this verb lies not in the reduplication of the *m*, the reduplication of the middle radical being regular in the II Form to which this verb belongs. The irregularity lies in the absence of the first radical which, being 'alif', has been omitted. In the past part., in the verbal nouns and in the V Form, its place has been taken by *w*". Il-Prof. G. Aquilina (*The Structure of Maltese*, ed. 1959, p. 269) wkoll iqiegħed dan il-verb mal-lista ta' dawk imnissla fit-tieni forma.

Fost il-kompilaturi ta' dizzjunarji etimoloġiċi bil-Malti insibu wkoll li l-biċċa l-kbira jqiegħdu dan il-verb fit-tieni forma. Caruana (*Vocabolario della Lingua Maltese*, 1903, p. 156) barra li ma jagħti l-ebda tagħrif fuq il-forma jew l-irregolarità ta' dan il-verb, inisslu ħażin mill-Ebrajk. Dessoulavy (*Maltese Arabic Word-List*, 1938, p. 19) jagħti biss dan it-tagħrif qasir: "Emmen (to believe) cp. *'amman* II". Il-Barbera (*Dizionario Maltese-Arabo-Italiano*, Vol. I, 1939, p. 335) jagħti xi tagħrif ġdid iżda jerġa' jaqa' għat-tieni forma, u jikteb hekk: "Emmen-Jemmen – att. *'ammana, iu'amminu* (2a. for. di *'amina* – essere in sicurita; ecco qui la 4a. for. *amana* ridotta a 2a.; v.s.v. Uemmen-Juemmen altra grafia) – credere, prestar fede, dar credito, esser fedele".

Minn dan kollu naraw li kull min kiteb fuq dan il-verb nisslu, jew qiegħdu, fit-Tieni Forma minħabba dak li jidher qisu riduplikazzjoni tar-radikali nofsana. Iżda, meta nistudjaw it-tnissil u l-etimoloġija ta' kelma, speċjalment verb, ma għandniex inħarsu biss lejn l-egħruq u l-ittri jew il-ħsejjes miżjuda magħhom biex inisslu kliem ieħor. Għandna mmorru f'ras il-għajn u nikxfu l-forma ewlenija u minn din naraw kemm joħorġu forom derivati; għandna nistudjaw ukoll it-tnissil ta' kliem li joħroġ, direttament mill-kelma li qegħdin nistudjaw; u fuq kollox għandna, kemm jista' jkun, inqabblu wkoll it-tifsira tal-kelma ma' dik li l-iktar tixxiebah magħha fl-

ilsien ewlieni. Hekk, il-verb *emmen* għandna qabel xejn naraw minn liema għerq ewlieni ħiereġ u liema verbi oħra jitnisslu minn din il-forma ewlenija; għandna naraw liema kelmiet jitnisslu minnu (f'dan il-każ tempijiet, parteċipji u nom verbali); u għandna wkoll naraw liema verb imnissel fil-Għarbi l-iktar li għandu tifsira li tixbah lil dik tal-verb fil-Malti.

Il-verb *emmen* huwa mnissel mill-għerq *'(alif) — m — n* li, skond Wehr (A Dictionary of Modern Arabic, maqlub fl-Ingliz minn J. Milton Cowan, 1961, p. 28) joħorġu minnu żewġ verbi: (a) *'amuna* — "to be faithful, trustworthy, reliable"; (b) *'amina* — "to be safe, to feel safe". Minn dawn iż-żewġ verbi joħorġu dawn il-verbi mnissla:

i. II *'ammana* — "to reassure, set one's mind at rest, ensure, safeguard, guarantee..." etc.
ii. IV *'a'mana* — "to believe".
iii. VIII *i'tamana* — "to trust, have confidence in..." etc.
iv. X *'ista'mana* — "to ask the protection of..." etc.

Mela, il-verb Għarbi li jfisser *emmen* qiegħed fir-Raba' Forma tal-verbi mnissla ta dak l-ilsien. Ma' Wehr jaqblu wkoll Beaussier, Dozy, Spiro Bey, id-dizzjunarji tal-Għarbi klassiku u modern, kif ukoll il-grammatiki ta' dan l-ilsien.

Fil-Malti, barra mill-forma *emmen* għandna biss il-Ħames Forma passiva *twemmen*. Din il-forma għandha d-derivazzjonijiet kollha tal-verb: *twemmint, nitwemmen, mitwemmen, twemmin.* Il-Ħames Forma tinbena biż-żieda tal-preformattiva *t* mat-Tieni Forma. Mela, t-Tieni forma hija *wemmen*. Ma nistgħux ngħidu bħal, u naqblu ma' Sutcliffe li l-verb *twemmen* hu mnissel minn *emmen*, il-għaliex il-verbi li fil-Għarbi jibdew bl-alif, dejjem fil-Malti jibdlu din ir-radikali f'*w* fit-Tieni forma: *'-ħ-r — waħħar; '-d-b — widdeb; '-k-l — wikke(ie)l, '-ħ-d — waħħad.* Fuq l-istess binja, *'-m-n* issir *wemmen.*

Induru issa għat-tifsila morfoloġika ta' dan il-verb, u nuru fejn ma nistgħux naqblu ma' Barbera. Naraw li fil-Għarbi mill-għerq *'-m-n* ħareġ il-verb tar-Raba' forma *'a'mana* fuq il-forma QaTeL (I) aQTaL (IV). Billi la fil-Għarbi modern u lanqas fil-Malti ma għadu jinħass u jitlissen l-alif, din il-konsonanti jista' jiġrilha hekk: a) taqa' għal kollox u postha jittieħed minn vokali twila b'kompensazzjoni: *'akala — kiel; 'aħada — ħa(d) 'aħur — ieħor;* b) titbiddel f'semi vokali: *'ana — jiena; 'irth — wirt;* jew c) tiġi assimilata mill-konsonanti ta' ħdejha: *'ista'la — stalla; 'ista'na —* stenna; *ittaħada* (flok *'i'taħada*) — *ittieħed.* Il-verb *emmen* ġralu bħal dawn ta' l-aħħar: l-alif ġie assimilat fil-konsonanti ta' ħdejh fil-waqt li l-ewwel alif intilfet. Hekk: *'a'mana — 'ammana — 'emmen — emmen.*

Id-derivazzjonijiet li joħorġu mill-verb *'a'mana* fil-Għarbi huma: *'a'mantu,*

*'a'minu, mu'min, 'i'ma:n.* Minn dawn fil-Malti fadal biss l-ewwel tnejn: *emmint, (n)emmen.* Il-parteċipju attiv suppost li jkun *memmen*, u n-nom verbali *(e)mmi:n*, iżda dawn bil-fors kellhom jaqgħu għax m'għandna l-ebda forma ta' parteċipju jew nom verbali li fihom ir-riduplikazzjoni tal-konsonanti fil-post fejn jinsabu fid-derivazzjonijiet tal-verb *emmen.* Minflok, daħħalna fil-Malti parteċipju passiv (li ma nisbuhx fil-Għarbi) billi malgħerq tar-Raba forma żidna suffiss parteċipjali Taljan (uto). Hekk ngħidu *emmnut*, mibni perifrastikament fuq *credut(o)*.

Il-forma kawżattiva tar-Raba' Forma hija transittiva. Il-Verb *emmen* jista' jkun transitiv fil-Malti, u ngħidu: *nemmnek, nemmen dak li tgħid.* Iżda bħal fil-Għarbi, dan il-verb x'aktarx jiġbed il-preposizzjoni *bi*, u ngħidu: *nemmen b'Alla, nemmen bih.* Minħabba influwenzi sintattiċi Romanzi, ġara li daħħalna fil-Malti l-użu tal-prepozizzjoni *fi* flok *bi*, u ngħidu *nemmen f'Alla* bħat-Taljan *credo in Dio.* Illum x'aktarx li nużaw il-preposizzjoni *fi* mal-verb *emmen* biex nuru 'biex' u 'fiex' nemmnu, u l-preposizzjoni *bi* biex nuru 'kif' nemmnu: *nemmen f'Alla b'qalbi kollha.*